# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Subbasta Nru **526/2023 (AD)**

Fl-atti tas-Subbasta Numru 50/2022 fl-ismijiet:

**MARY RITA MIFSUD (K.I. 291459M)**

**vs**

**MICHAEL MIFSUD (K.I. 737249M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tad-debitur Michael Mifsud datat 17 ta' Mejju, 2023 fejn talab is-sospensjoni tal-bejgħ bis-subbasta fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 326 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Mejju, 2023.

Rat ir-risposta tal-kreditriċi eżekutanta Mary Rita Mifsud tal-1 ta' Ġunju, 2023.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tas-16 ta' Ġunju, 2023.

Ħadet konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Stante li ma tirriżulta ebda raġuni valida u skont il-liġi sabiex jitwaqqaf il-bejgħ bis-subbasta fl-ismijiet premessi, tiċħad it-talba u tordna l-prosegwiment tal-istess.

**DIGRIET KAMERALI MOGĦTI LLUM IT-TLIETA 27 TA' ĠUNJU, 2023.**

**Onor. Imħallef Dr Audrey Demicoli**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**